BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 14/12 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2012 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **-** |

## AĠENDA -1

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 13/12 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. C. Muscat ippropona u S.Zammit issekonda mozzjoni biex il-minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## AĠENDA -2

*04/10* - Tressqet talba quddiem il-Kamra sabiex operaturi ta' Dodgem Luna Park joperaw fil-parkeġġ ta' Wied il-Buni bejn l-1 ta' Ġunju u l-15 ta' Settembru għal ħames snin li ġejjin. J.Baldacchino fakkar il-Kamra li l-Kunsill qiegħed jaħdem fuq *Bye-Law* sabiex tirregola l-attivitajiet. Ukoll is-Sindku fakkar il-Kamra li l-proġett ta' *Embellishment* fil-parkeġġ imminenti li jibda. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tinforma l-operatur li qed titħejja *Bye-Law* u għaldaqstant jekk il-*Bye-Law* tkun approvata sa April 2013, din it-talba tigi evalwata skont ir-regoli tal-*Bye-Law* jekk le terga' titla' għad-diskussjoni quddiem il-Kamra. Il-Kamra qablet ukoll li tiddeċiedi fuq talbiet simili fuq bażi ta' sena, sena. Ukoll il-Kamra qablet li ssir laqgħa mad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jiġu diskussi applikazzjonijiet simili.

*05/10* - Tressqet talba sabiex jitqiegħed *trampoline* fil-Bajja s-Sabiħa bejn il-15 ta' Mejju 2013 u l-15 ta' Settembru 2013. Fid-dawl tal-qbil tal-korrispondenza Nru. 04/10 il-Kunsill ser jipproċedi bl-istess mod fuq din it-talba.

*06/10* - Il-Kamra ġiet infurmata b'ittra min-naħa ta' Transport Malta li l-*crash barrier* f'Misraħ is-Summit ma ġietx approvata minħabba li l-wisa' tal-bankina ma tippermettix. Il-Kamra qablet li fil-dawl li x-xogħol f'Misraħ is-Summit appik li jibda, il-bankina għandha titwessa' sabiex takkomoda l-*crash barrier*.

*07/10* - Grupp ta' volontiera li jieħdu ħsieb il-qtates tax-xatt talbu l-Kunsill sabiex isiru żewġ *feeding stations* fi Ġnien Mons. Ġużeppi Minuti. Ukoll infurmaw il-Kamra li bdew programm ta' *neutering* tal-qtates sabiex is-sitwazzjoni tinżamm taħt kontroll. Wara diskussjoni l-Kamra qablet mal-prinċipju u għandna naraw l-ispiża nvoluta għall-*feeding station* wieħed. Il-post fejn ser jitqiegħed għad irid jiġi deċiż kif ukoll naraw insibux *sponsors* għal dan il-*feeding station*.

*08/10* - Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti *embellishment* tas-*soft areas* fi Triq Herakles. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li għandu jinbeda l-proċess għal sejħa pubblika għal dan it-tisbiħ li tkun tinkludi fiha pjanti tas-*soft areas* kif ukoll *Upkeep Agreement* għal tlett snin.

## ***AĠENDA -3***

- *Offerta Pubblika Nru. 06/12 – Provista u Installazzjoni ta' Bandli u soft flooring fi Ġnien il-Kunsill Lokali, Ġnien Profs. Anton Tabone u Ġnien Mons. Ġużeppi Minuti*

| **Nru.** | **Kuntrattur** | **Total** |
|---|---|---|
| 1 | L & S Technical Consulting Ltd | €134,675.00 |
| 2 | 240 Ltd | €101,494.34 |
| 3 | Three Eight Nine Ltd | €121,815.00 |
| 4 | JGC Ltd | €108,111.85 |
| 5 | M Quip | €117,134.50 |
| 6 | FGL Commercial Sales Ltd. | € 94,117.84 |
| 7 | Peter Vella | €111,203.00 |

Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni lill-Kunsill. Il-bord li tlaqqa' nhar it-18 ta' Ottubru 2012 kien magħmul mis-Sindku, is-Sur J.Farrugia, il-Kunsillier, is-Sur J.Baldacchino, il-Kunsillier is-Sur C.Muscat u s-Sur Emanuel Mangion (maħtur rappreżentant tal-pubbliku). Wara li l-bord evalwa l-offerti kollha ħa d-deċiżjoni li jirrakkomanda lill-Kamra lill-offerent Nru. 4 JGC Ltd fuq diversi fatturi.

- Il-Kuntrattur għandu esperjenza vasta u ħadem f'bosta Kunsilli Lokali ta' Malta u Entitajiet tal-Gvern.

- Il-Bord ipprefera jmur għall-apparat tal-plastik fuq apparat tal-metal jew injam minħabba esperjenza li għandu fuq manutenzjoni.

- Il-Kuntrattur irrakkomandat ta diversi xelti għal kull talba u deskrizzjoni fid-dettal fuq kull *item*, fejn il-bord seta' jkollu stampa ċara ta' x'inhu jagħzel.

- Għalkemm ma kienx l-orħos offerent il-prezz kien kompetenti.

- Il-Kuntrattur offra *maintenance agreement* għal 12-il xahar u *training* lill-Kunsill Lokali fuq *inspection* tal-*Playing-fields*.

Il-Kamra talbet li jkollha aktar dettalji fuq garanzija u *spare parts* u jekk ir-risposti jkunu pożittivi taċċetta r-rakkomandazzjoni tal-bord. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret il-Kamra li dan il-proġett ma jistax jiġi attwat qabel ikollna l-konferma tal-fondi min-naħa tal-U.I.F.

***AĠENDA -4***

Ġiet ippreżentata pjanta ta' immaniġġar tat-traffiku ta' parti mill-Qajjenza fuq il-mejda tal-Kamra għad-diskussjoni. Wara diskussjoni u evalwazzjoni tal-pjanta, il-Kamra qablet li dan l-immaniġġar tat-traffiku għandu jiġi diskuss wara li jsir ix-xogħol min-naħa ta' Transport Malta fi Triq l-Għansar minħabba li l-*flow* tal-karozzi ser jiġi affetwat.

***AĠENDA -5***

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra r-*revised budget* għas-sena 2012 u r-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena kurrenti Lulju – Settembru 2012. Dawn ġew approvati mill-Kamra.

***AĠENDA -6***

1) Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li :-

- id-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* jixtieq li jibda jaħdem mall-Kunsill Lokali tagħna fuq każi ta' Ordni ta' Servizz fil-komunita' mogħtija mill-Qorti lill-individwi. Il-Kamra qablet fil-prinċipju ma' din il-proposta u talbet aktar informazzjoni.

- l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali bħalissa għandu persuna fejn qed tiġi diversi sigħat fil-ġimgħa tagħmel xogħol klerikali sabiex tieħu esperjenza. Dan kollu jsir bla ħlas.

- l-kontijiet ta' Koptasin fir-rigward ta' xogħol ta' marki tat-toroq f'Dawret il-Qalb Imqaddsa ġew ikkonfermati u nstab li l-iżball sar min-naħa ta' Koptasin fil-kwotazzjoni. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li l-kont għandu jitħallas pero' l-Kunsill jitgħallem mill-esperjenza u jagħmilha ċara mal-kuntrattur li kwotazzjoni għandha tkun magħmula b'aktar preċiżjoni.

- l-*Contracts Manager* tal-Kunsill Lokali ħareġ *default notice* lill-kuntrattur Ronald u Christopher Bezzina.

- fit-23 ta' Diċembru ser issir l-ikla tal-Kunsillieri u Staff.

- wara li ħareġ l-ewwel riżultat taċ-ċensiment 2011, il-popolazzjoni żdiedet u qabżet sewwa l-10,000 ruħ, għaldaqstant ser jinbeda l-proċess wara talba mill-Kunsill Lokali, sabiex toħroġ liċenzja oħra għall-spiżerija fil-lokal.

- l-amministrazzjoni kitbet ittra lill-Liquigas Malta Ltd. kif kien maqbul fil-laqgħa Nru. 12/12 li saret nhar il-Erbgħa, 12 ta' Settembru 2012 fir-rigward tat-trakkijiet tal-gass li qed jgħaddu mill-qalba ta' Birżebbuġa. Għalkemm Liquigas Malta Ltd. innotifikat lis-sewwieqa kollha sabiex ma jgħaddux mill-qalba ta' Birżebbuġa jekk mhux biex joffru s-servizz fil-lokal, xorta qiegħed ikun hemm dan l-abbuż. J.Baldacchino ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li din kienet kundizzjoni li ġiet aċċettata mill-MEPA u qiegħda fil-permess. Għaldaqstant għandna naraw li l-Kumpanija timxi skont il-kundizzjonijiet tal-MEPA.

- fit-23 u l-24 ta' Novembru ser isir il-ħdax il-kungress tal-UDITE fi Spanja fejn jiltaqgħu flimkien il-Kapijiet Amministrattivi, Eżekuttivi u Finanzjarji tal-Kunsilli u jkun hemm qsim ta' esperjenzi, *workshops* u preżentazzjonijiet ta' studji relatati mal-professjoni. Il-Kamra qablet li s-Segretarju Eżekuttiv jattendi għall-Kungress u għaldaqstant għandha tinġieb aktar informazzjoni rigward spejjeż.

- jeżistu *cameras* li jistgħu jitwaħħlu ma' batterija ta' karozza. Ukoll inġiebet kwotazzjoni ta' *cameras* għall-kiri. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li teħtieġ aktar informazzjoni fuq dan is-suġġett u għandha wkoll tinġieb kwotazzjoni fuq post partikulari bis-*surveillance* b'kollox bħala *sample*.

- fis-26 ta' Ottubru ser tingħata t-titqiba tal-influwenza lir-residenti li nkitbu.

- l-amministrazzjoni qed taħdem fuq il-ħruġ tal-offerta pubblika għal servizz ta' perit u kwotazzjoni għall-*printing* tal-*magazine*. Id-dokument tal-offerta pubblika għal servizz ta' perit ser jiġi ċċirkolat mal-Kunsillieri għall-kummenti/suġġerimenti.

- il-Kappillan informa l-Kunsill bi programm ta' attivitajiet li ser isiru għall-okkażżjoni taċ-ċentinarju. Dan ser jiġi ċċirkolat lill-Kunsillieri sabiex nevitaw li l-Kunsill jorganizza attivitajiet fl-istess ġranet.

- intalbet informazzjoni lill-Kunsilli Lokali fuq esperjenzi ta' *live streaming*, pero' l-unika Kunsill li tagħna *feedback* kien il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija fejn addottaw is-sistema ta' *audio live streaming*. Il-Kunsilli Lokali l-oħra li rrispondew ma jużawx din is-sistema. Il-Kamra qablet li titlob parir professjonali għal din is-sistema.

- il-Kuntrattur tal-Offerta Pubblika Nru. 05/12 aċċetta li jnaqqas ir-rati u għaldaqstant ingħata l-kuntratt għal Tindif ta' Toroq Mhux Urbani u Żbir ta' Siġar.

- ġew ippreżentati l-kwotazzjonijiet li ġew ikkonfermati mal-Asfaltar Ltd. għal sejħa ta' Kisi ta' Toroq taħt l-iskema tal-PPP. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li taċċetta kwotazzjoni datata 3 ta' Ottubru għas-somma ta' €725,576.00 u jibda l-proċess sabiex isir ix-xogħol fil-Bajja s-Sabiħa u Misraħ is-Summit.

- ġie kkonfermat mal-offerenti li l-*excess* ikkwotat f'Kwotazzjoni Nru. 09/12 ma jistax jonqos u għaldaqstant il-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 3 Omnitec Ltd., minħabba li għalkemm kien it-tieni l-orħos l-*excess* tal-*Public Liability* kien aktar kompetenti għal *claims* minuri.

2) Il-Viċi-Sindku, is-Sur K.Barun :-

- informa l-Kamra li saret rampa għal quddiem id-dħul tal-Uffiċċju tal-Kunsill għal persuni b'diżabilita' biex issa l-Kunsill Lokali sar aċċessibbli għal kulħadd.

- talab informazzjoni rigward laqgħa li saret mal-ADI sabiex jiġu nstallati *showers* fil-Bajja s-Sabiħa.

- bħalissa hu flimkien mal-impjegati tal-Kunsill Lokali qed jaħdmu fuq il-*magazine* sabiex jitqassam fi Frar 2013, għaldaqstant il-Kunsilliera kollha huma mitluba li jiktbu artiklu relatat mad-delega tagħhom sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru. Ukoll ser tinħareġ kwotazzjoni għal *printing* tal-*magazine* fejn qed nitolbu wkoll prezzijiet għal *printing* tal-*magazine* darbtejn f'sena flok darba. Niddeċiedu kif ikollna l-prezzijiet f'idejna.

- informa l-Kamra li ser tiġi organiżżata *Halloween Night Walk* nhar il-Erbgħa, 31 ta' Ottubru b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Isport. Kulħadd qabel.

- informa l-Kamra li l-Ħadd, 28 ta' Ottubru ser issir sajda b'risq l-Istrina fejn il-Kunsill daħal sħab għal din l-inizjattiva. Kulħadd qabel.

3) Il-Kunsillier, is-Sur J.Baldacchino :-

- ippreżenta fuq il-mejda tal-Kamra dokument uffiċjali fuq il-ħlas li għamlu ż-ZAK għall-użu tal-Sala tal-Iskola. Fuq din id-dikjarazzjoni min-naħa taż-ZAK talab li terġa' ssir laqgħa mas-Surmast tal-Iskola. Kulħadd qabel.

- informa l-Kamra li l-Ġimgħa, 23 ta' Novembru ser issir l-attivita' "L-Anzjan/a tas-Sena 2012" fis-Soreda Hotel.

4) Il-Kunsillier, is-Sur C.Cachia :-

- talab lill-Kamra spjegazzjoni ta' x'intalab mill-Malta Gaming Authority lill-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lill-Kamra li MGA talbu sabiex nimmarkaw fuq pjanta l-*area* tal-*playing-field* fi Ġnien Mons. Ġuzeppi Minuti.

- fakkar lill-Kamra fuq il-garanzija bankarja ta' Alfred Schembri & Sons. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kamra li ntbagħtet ittra bl-avukat lill-HSBC fuq dan il-każ.

5) Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit :-

- talab l-approvazzjoni tal-Kamra sabiex isiru lampi ġodda fi Triq il-Port Ħieles, Trejqet Wied Tal-Klima, Triq iċ-Ċief, Triq Tal-Papa u Triq Wied Ħas-Saptan; spiża ta' madwar €3061.17. Kulħadd qabel. J.Baldacchino ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li hemm bżonn isir pjan sabiex indawwlu Misraħ il-Knisja.

- informa l-Kamra li għal żmien il-Milied ser jiġu mżejjna Ġnien Mons. Ġużeppi Minuti u r-*roundabout* ta' Triq San Ġorġ mill-kuntrattur tal-Kunsill. Ukoll talab l-approvazzjoni tal-Kamra sabiex jiġu mżejjna Triq Birżebbuġa, Misraħ il-Knisja u Triq Żarenu Dalli miż-żewġ Każini tal-Baned u l-Għaqda tal-Armar; kull parti nvoluta tkun responsabbli li żżejjen triq. Kulħadd qabel.

6) Il-Kunsilliera, Ms. B.Pace :-

- informat lill-Kamra li l-Ħamis, 25 ta' Ottubru ser ikun hemm laqgħa ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali sabiex jiġi diskuss l-wirt kulturali tal-lokalita' tagħna.

- informat lill-Kamra li l-Ġimgħa, 21 ta' Diċembru ser tiġi organizzata ikla b'risq l-Istrina.

- informat lill-Kamra li l-Ħamis, 27 ta' Diċembru ser isir *party* għat-tfal għal żmien il-Milied.

- Hemm bżonn ta' *noticeboard* ġdida ħdejn il-Kappella ta' Bengħajsa.

7) Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat :-

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li s-servizz li qed jagħtu l-gwardjani lokali fil-lokal m'huwiex dak mixtieq. Minħabba f'hekk qed tinħoloq stmerrija lejhom u aktar u aktar lejn il-Kunsill Lokali mir-residenti. Talab lis-Sindku jressaq l-ilmenti tar-residenti fl-ewwel laqgħa tar-Reġjun Nofsinhar. Kulħadd qabel.

8) Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia :-

- informa l-Kamra li t-Tnejn, 22 ta' Ottubru nstemgħet PA 07849/06 *Embellishment* tal-Parkeġġ ta' Wied il-Buni pero' l-MEPA m'approvatx din l-applikazzjoni minħabba li talbet tibdil fil-materjal tar-rampa, kif ukoll *clearance* min-naħa ta' Transport Malta.

***Għeluq***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fid-9.00pm. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2012 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| ........................................ | ............................................. |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |